# L-ISKEMA TA' LIVELLI TAL-KOTBA TAL-QARI BIL-MALTI TAL-AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

## L-Ewwel Livell – Roża

### Il-Karatteristiċi tat-Testi

- Ikunu testi sempliċi miktubin b'lingwa naturali meħuda mid-diskors tal-qarrejja.
- Ikun fihom bejn 25 u 80 kelma. Ikunu dwar affarijiet u sitwazzjonijiet li l-qarrej ikun midħla tagħhom.
- Is-sentenzi jkunu sħaħ, ta' struttura jew żewġ strutturi repetuti.
- Is-sentenzi jkunu kważi dejjem l-istess u tinbidel biss kelma waħda jew tnejn.
- Ikollhom illustrazzjonijiet li jimxu id f'id u jgħinuk tifhem it-test imma li jkunu mifrudin minnu, pereżempju, f'paġna t-test u fl-oħra l-illustrazzjoni.
- Il-kliem ikun b'tipa kbira u bi spazju ċar bejn il-kliem.
- Tintuża punteġġjatura bażika li tkun simili f'kull paġna.

## It-Tieni Livell - Aħmar

## Il-Karatteristiċi tat-Testi

- Ikunu kemxejn itwal bejn 50 u 100 kelma.
- Ikunu testi prevedibbli dwar affarijiet u sitwazzjonijiet li l-qarrejja jkunu midħla tagħhom.
- Is-sentenzi u l-frażijiet ikunu repetuti u jkun fihom kliem komuni u kliem sempliċi li l-qarrejja jistgħu jaslu għalihom billi jgħaqqdu fonemi ma' xulxin.
- Is-sentenzi jkunu qosra, ċari u mexxejja, ilkoll meħuda mid-diskors tal-qarrejja.
- L-illustrazzjonijiet jimxu id f'id mat-test u jgħinuk tifhmu.
- F'testi fittizji, l-istorja tkun bi plott sempliċi.
- Ikunu b'tipa kbira sew bi spazji xierqa bejn il-kliem.
- Tintuża firxa sħiħa ta' sinjali tal-punteġġjatura.
- Testi fattwali jista' jkollhom aktar minn għamla ta' format wieħed differenti.

# It-Tielet Livell – Isfar

## Il-Karatteristiċi tat-Testi

- Ikun fihom frażijiet, ideat u kelmiet repetuti.
- Ikun fihom bejn 100 u 200 kelma.
- Ikunu magħmula minn sentenzi ta' strutturi differenti.
- L-istejjer ikun fihom aktar minn episodju wieħed u jseħħu f'sekwenza jew kronoloġija.
- L-istejjer jista' jkun fihom ġrajjiet immaġinarji li jixbhu esperjenzi li minnhom jgħaddu l-qarrejja.
- Ikun fihom konvenzjonijiet letterarji u strutturi tal-lingwa orali, li tagħha jkunu midħla l-qarrejja.
- It-testi fattwali jkunu msejsa fuq l-esperjenzi personali u t-tifsiliet lingwistiċi tal-qarrejja.
- L-illustrazzjonijiet jimxu id f'id mat-test u jgħinuk tifhmu.

## Ir-Raba' Livell- Blu

## Il-Karatteristiċi tat-Test

- Ikun fihom varjetà ta' sentenzi bi strutturi differenti u b'firxa ta' kontenut.
- Ikun fihom bejn 150 u 250 kelma.
- Ikunu magħmula minn lingwa letterarja mħallta mal-lingwa mitkellma mill-qarrejja.
- Ikun fihom sentenzi u frażijiet, uħud minnhom twal, u oħrajn repetuti jew użati qishom ritornell.
- F'kull paġna jkun hemm aktar minn linja waħda ta' kitba, imma mhux aktar minn sitt linji, jew l-aktar tmienja.
- L-istejjer ikollhom numru ta' ġrajjiet jew episodji.
- It-testi fattwali jkun fihom xi termini astratti u strutturi ta' sentenzi impersonali.
- Ikun fihom firxa usa' ta' kliem.
- L-illustrazzjonijiet jimxu id f'id mal-andament tal-istorja aktar milli jgħinu lill-qarrej jifhem kulma jkun hemm miktub.

## Il-Ħames Livell – Aħdar

## Il-Karatteristiċi tat-Testi

- Ikun fihom sentenzi varjati fosthom sentenzi twal.
- Ikun fihom bejn 180 u 300 kelma.
- Ikun fihom ftit frażijiet repetuti imma l-kliem ġdid ikun repetut.
- L-istejjer ikollhom għadd ta' karattri b'personalitajiet differenti.
- Ġrajja mill-istorja tista' tkun mifruxa fuq numru ta' paġni.
- F'kull paġna jista' jkun hemm sa madwar tmien linji jew versi.
- Ikun fihom vokabolarju li l-qarrejja ma jkunux daqshekk midħla tiegħu u vokabolarju speċjalizzat.
- Fit-testi fittizji l-illustrazzjonijiet jipprovdu biss ħjiel tat-tagħrif mogħti.
- Fit-testi fattwali jista' jkun hemm sottotitli, glossarju, kaxxi bit-tagħrif u dijagrammi barra l-illustrazzjonijiet.

# Is-Sitt Livell – Oranġjo

## Il-Karatteristiċi tat-Testi

- Ikun fihom bejn 250 u 350 kelma.
- Ikun fihom aktar spazju għall-kliem milli għall-istampi.
- L-illustrazzjonijiet jagħtu biss ħjiel tal-ġrajjiet.
- Fihom jintuża lingwaġġ letterarju.
- Ikun fihom sentenzi bi strutturi kumplessi.
- It-testi jkunu ta' ġeneri differenti, fosthom reċti, poeżiji, u stejjer.
- It-testi fattwali jkunu ta' għamliet u xeħtiet varji.
- It-testi fattwali jkun fihom sentenzi tekniċi, għadd ta' termini speċjalizzati u varjetà ta' xbihat, pereżempju; illustrazzjonijiet, ritratti, graffs, dijagrammi, tabelli eċċ.

## Is-Seba' Livell – Turkwas

### Il-Karatteristiċi tat-Testi

- Ikun fihom bejn 300 u 500 kelma.
- L-istejjer ikunu maqsumin f'episodji bi ġrajjiet differenti.
- Il-lingwaġġ ikun elaborat, dettaljat u formali.
- Id-deskrizzjonijiet miktubin ikunu aktar mirquma u mlewna.
- Jintuża varjetà ta' lingwaġġ letterarju.
- Ikun fihom kliem li l-qarrejja ma jkunux iltaqgħu miegħu, speċjalment it-testi fattwali.
- F'testi fattwali l-illustrazzjonijiet, il-graffs, il-mapep, id-dijagrammi, it-tabelli u xbihat oħra jkunu aktar mirquma u ddettaljati.
- It-testi jkunu b'sentenzi qosra, twal u kumplessi, u maqsumin f'paragrafi.
- It-testi fattwali jkun fihom għadd sostanzjali ta' termini.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

# It-Tmien Livell – Vjola

## Il-Karatteristiċi tat-Testi

- Ikun fihom bejn 450 u 750 kelma.
- Is-sentenzi jkunu ta' strutturi twal u kumplessi.
- L-istejjer jidħlu aktar fil-fond, b'karattri aktar kumplessi.
- It-testi jkunu ta' ġeneri differenti fosthom drammi, poeżiji, bijografiji, ħrejjef, leġġendi, novelli eċċ.
- Ikun fihom illustrazzjonijiet imma mhux daqshekk spissi.
- Il-kapitli tal-istejjer ikunu qosra biex ma jtellfux ir-ritmu tal-qari.
- Il-karattri tal-istejjer ikunu elaborati u distinti.
- It-testi fattwali jidħlu fil-fond dwar l-oqsma ttrattati.
- Firxa usa' ta' testi fosthom dizzjunarji, teżawri, glossarji u enċiklopediji.
- It-testi jkun fihom werrej, u/jew indiċi fl-ordni alfabetiku.

# Id-Disa' Livell – Deheb

## Il-Karatteristiċi tat-testi

- Ikun fihom bejn 500 u 900 kelma.
- Is-sentenzi jkunu pjuttost twal u ta' strutturi kumplessi.
- L-istejjer jidħlu dejjem aktar fil-fond.
- L-awtur jista' jkun li jesprimi s-sentimenti tiegħu fl-istorja.
- It-testi jistgħu jkunu ta' ġeneri differenti u ta' dan il-livell jibqa' jkollhom xi illustrazzjonijiet.
- L-istejjer jistgħu jkunu maqsuma f'kapitli u dan li jgħinu r-ritmu tal-qari.
- Il-karattri tal-istejjer ikunu distinti u elaborati.
- F'testi fattwali tintuża firxa wiesgħa ta' termini u frażijiet imma ma jkunx hemm wisq kliem ġdid f'kull paġna jew sezzjoni.
- It-testi fattwali jkunu fuq medda dejjem usa' ta' suġġetti u ta' suriet u daqsijiet differenti.

# L-Għaxar Livell – Abjad

## Il-Karatteristiċi tat-testi

- Ikun fihom bejn 600 u 1500 kelma.
- Ikunu ta' varjetà sħiħa ta' ġeneri u bi stili differenti ta' kitba.
- L-istejjer ikunu maqsumin f'kapitli twal u bi plott ewlenija u oħrajn sekondarji.
- It-temi tat-testi fattwali jkunu mifruxin fuq għadd ta' paġni u b'sottosezzjonijiet.
- Is-sentenzi jkunu twal ta' taħlita ta' strutturi, b'għadd ta' frażijiet u maqsumin f'paragrafi.
- Il-karattri tal-istejjer ikunu kompluti.
- Ikunu jinkludu perspettivi jew punti di vista differenti mhux waħda biss.
- Fl-istejjer xi azzjonijiet, tagħrif u/jew ċirkostanzi jkunu implikati, mhux mogħtija bl-imgħarfa.
- Ikun fihom lingwaġġ figurattiv.
- It-testi fattwali jkunu b'lingwaġġ tekniku u jkun fihom tagħrif iddettaljat.

# Il-Ħdax-il Livell – Lumiċell

## Il-Karatteristiċi tat-testi

- Ikun fihom 'il fuq minn 1000 kelma.
- Ikunu ta' varjetà wiesgħa ta' ġeneri u b'bosta stili ta' kitba.
- L-istejjer ikunu maqsuma f'kapitli ta' ċertu tul, bi plotts ewlenija u sekondarji.
- It-temi tat-testi fattwali jkunu mifruxin fuq għadd ta' paġni, b'sottosezzjonijiet.
- Fit-testi fattwali jkun hemm termini sofistikati, dettalji, preċiżi u eleborati.
- Fit-testi fittizji jintuża lingwaġġ letterarju b'firxa wiesgħa ta' vokabolarju.
- Fit-testi fittizji jkun hemm firxa ta' figuri tat-taħdit.
- Fit-testi fattwali, mhux il-kliem tekniku kollu jkun spjegat b'illustrazzjonijiet jew xbihat.